Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/0224(COD)

20.1.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 dwar ċerti miżuri għall-fini ta' konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward tal-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli
(COM(2024)0407 – C10-0098/2024 – 2024/0224(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Thomas Bajada

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 17

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 19

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 dwar ċerti miżuri għall-fini ta’ konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward tal-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (COM(2024)0407 – C10-0098/2024 – 2024/0224(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0407),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0098/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta’ xx xx ta’ Diċembru 2025[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 u l-Artikolu 41 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C xxx ta’ 3.12.2024, ELI: xx.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982[1] ***(UNCLOS, United Nations Convention on the Law of the Sea)*** u mal-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) tal-4 ta' Awwissu 1995[2] ***(UNFSA)***, il-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi f'żona limitata u li jpassi ħafna teħtieġ il-kooperazzjoni tal-pajjiżi kollha li l-flotot tagħhom jisfruttaw dawk l-istokkijiet.	(1) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982[1] ***("UNCLOS")*** u mal-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) tal-4 ta' Awwissu 1995[2] ***("UNFSA")***, il-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi f'żona limitata u li jpassi ħafna teħtieġ il-kooperazzjoni tal-pajjiżi kollha li l-flotot tagħhom jisfruttaw dawk l-istokkijiet. ***Tali kooperazzjoni tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMOs") jew, meta l-RFMOs ma jkollhom l-ebda kompetenza għall-istokk inkwistjoni, permezz ta' arranġamenti ad hoc fost il-pajjiżi li jkollhom interess fis-sajd ikkonċernat.***
[1] Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar *(*ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1998/392/oj.	[1] Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar**,** ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1998/392/oj.
[2] Il-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory) *(*ĠU L 189, 3.7.1998, p. 17*)*.	[2] Il-Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassu f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassu ħafna (highly migratory)**,** ĠU L 189, 3.7.1998, p. 17.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi qafas li jippermetti l-identifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward tal-pajjiżi terzi li jonqsu milli jikkooperaw u li jippermettu sajd mhux sostenibbli ta' stokk ta' interess komuni għall-Unjoni.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1026/oj.)

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1026/2012 pajjiż jista' jiġi identifikat bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli jekk, fost l-oħrajn, jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni ta' stokk ta' interess komuni f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-UNFSA, jew ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor jew ma' kwalunkwe norma oħra tad-dritt internazzjonali, ***u*** jekk jonqos milli jadotta l-miżuri ***meħtieġa*** għall-ġestjoni tas-sajd.	(3) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1026/2012 pajjiż jista' jiġi identifikat bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli jekk, fost l-oħrajn, jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni ta' stokk ta' interess komuni f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-UNFSA, jew ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor jew ma' kwalunkwe norma oħra tad-dritt internazzjonali, ***jew*** jekk jonqos milli jadotta l-miżuri ***rilevanti*** għall-ġestjoni tas-sajd***u milli jikkonforma magħhom***.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li ***tiġi introdotta definizzjoni*** ta' "nuqqas ta' kooperazzjoni", biex jiġu ddefiniti aħjar, għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1026/2012, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tifsira tar-rekwiżit ta' kooperazzjoni skont l-UNCLOS u l-UNFSA.	(4) Jenħtieġ li ***jiġu introdotti definizzjonijiet*** ta' "nuqqas ta' kooperazzjoni***" u "l-aqwa parir xjentifiku disponibbli***", biex jiġu ddefiniti aħjar, għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1026/2012, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tifsira tar-rekwiżit ta' kooperazzjoni skont l-UNCLOS u l-UNFSA.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jeħtieġ ukoll li jiġi ċċarat li ***jekk*** pajjiż ma jimplimentax il-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd ***jista' jitqies bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli, u li dawn il-miżuri jinkludu miżuri ta' kontroll***.	(5) Jeħtieġ ukoll li jiġi ċċarat li pajjiż ***jista' jitqies li jippermetti sajd mhux sostenibbli jekk*** ma jimplimentax il-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni ***jew għall-kontroll*** tas-sajd***, inkluż fil-qafas tal-RFMOs***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jixraq ukoll li jissaħħu l-proċeduri ta' qabel u ta' wara l-adozzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli.	(6) Jixraq ukoll li jissaħħu l-proċeduri ta' qabel u ta' wara l-adozzjoni tal-miżuri fir-rigward tal-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli***, inkluż fil-qafas tal-RFMOs***.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(b) "speċi assoċjata" tfisser kwalunkwe ħut li ***jappartjenti*** għall-istess ekosistema tal-istokk ta' interess komuni u li ***jkun jippriża minn fuq*** dak l-istokk, li jkun priża għalih, li jikkompeti miegħu għall-ikel u l-ispazju tal-għajxien jew li jinsab flimkien miegħu fl-istess żona tas-sajd u li jiġi sfruttat jew ***meħud*** bi żball fl-istess sajda jew sajd;	"(b) "speċi assoċjata" tfisser kwalunkwe ħut li ***jappartjeni*** għall-istess ekosistema tal-istokk ta' interess komuni u li ***jikkaċċja*** dak l-istokk, li jkun priża għalih, li jikkompeti miegħu għall-ikel u l-ispazju tal-għajxien jew li ***jkun*** jinsab flimkien miegħu fl-istess żona tas-sajd u li jiġi sfruttat***, ikun qabda aċċessorja*** jew ***jittieħed*** bi żball fl-istess sajda jew sajd;"

Or. en

(32012R1026)

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 2 ***jiżdied il-punt (i)*** li ġej:	(1) fl-Artikolu 2***, jiżdiedu l-punti*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***il-frażi 'nuqqas ta' kooperazzjoni'*** tfisser in-nuqqas ta' impenn in bona fede u ta' konsultazzjonijiet sinifikanti***, li fihom isir sforz sostanzjali***, bil-ħsieb li jintlaħaq	(i) ***"nuqqas ta' kooperazzjoni"*** tfisser in-nuqqas ***minn pajjiżi terzi*** ta' impenn in bona fede u ta' konsultazzjonijiet sinifikanti ***mal-Istati kostali u/jew mal-***

ftehim dwar l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd; eżempji ta' nuqqas ta' kooperazzjoni jinkludu, iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:	***partijiet tas-sajd rilevanti kollha, inkluż fi ħdan l-RFMOs***, bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd; eżempji ta' nuqqas ta' kooperazzjoni jinkludu, iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) id-dewmien bla bżonn;	(4) id-dewmien bla bżonn ***biex tingħata tweġiba għat-talbiet***;

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) it-talbiet għal informazzjoni li ma jkunux raġonevoli;	(5) it-talbiet għal informazzjoni ***jew azzjonijiet li jridu jittieħdu*** li ma jkunux raġonevoli***, inklużi skadenzi li ma jkunux raġonevoli għal tweġiba jew azzjoni***;

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) l-adozzjoni ta' miżuri jew kwoti unilaterali li ma jkunux konformi mal-

	miżuri jew mal-kwoti miftiehma bilateralment jew multilateralment.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) "l-aqwa parir xjentifiku disponibbli" tfisser parir xjentifiku disponibbli pubblikament li jkun appoġġat bl-aktar data u metodi xjentifiċi aġġornati, u li jew inħareġ inkella ġie rieżaminat minn korp xjentifiku indipendenti li jkun rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell internazzjonali.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 3(b), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"(i) jonqos milli jadotta jew jimplimenta l-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd, inkluż miżuri ta' kontroll sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-istokkijiet ta' interess komuni; jew";	

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 3	"Artikolu 3
Pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli	Pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli
Pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli meta:	Pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli meta:
(a) jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni ta' stokk ta' interess komuni b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-UNFSA, jew ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor jew norma oħra tal-liġi internazzjonali; ***u***	(a) jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni ta' stokk ta' interess komuni b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-UNFSA, jew ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor jew norma oħra tal-liġi internazzjonali; ***jew***
(b) ***jew:***	(b) ikun naqas milli jadotta ***jew jimplimenta l-miżuri*** neċessarji ta' ġestjoni tas-sajd***, inklużi dawk miftiehma bilateralment jew multilateralment, inklużi miżuri ta' kontroll li jiżguraw il-konservazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-istokkijiet ta' interess komuni***; jew
(i) ikun naqas milli jadotta ***il-miżuri*** neċessarji ta' ġestjoni tas-sajd; jew	
(ii) jadotta miżuri ta' ġestjoni tas-sajd mingħajr kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet, l-interessi u d-doveri ta' pajjiżi oħra u ***l-Unjoni***, u dawk il-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd, meta jitqiesu flimkien ma' miżuri meħuda minn pajjiżi oħra u l-Unjoni, iwasslu għal attivitajiet tas-sajd li jistgħu jirriżultaw fl-istat mhux sostenibbli tal-istokk. Din il-kundizzjoni titqies li ġiet issodisfata anke meta l-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd adottati minn dak il-pajjiż ma jkunux wasslu ***li*** l-istokk ikun fi stat mhux sostenibbli sempliċiment minħabba miżuri adottati minn oħrajn.	***(c)*** jadotta miżuri ta' ġestjoni tas-sajd mingħajr kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet, l-interessi u d-doveri ta' pajjiżi oħra u ***tal-Unjoni***, u dawk il-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd, meta jitqiesu flimkien ma' miżuri meħuda minn pajjiżi oħra u l-Unjoni, iwasslu għal attivitajiet tas-sajd li jistgħu jirriżultaw fl-istat mhux sostenibbli tal-istokk. Din il-kundizzjoni titqies li ġiet issodisfata anke meta l-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd adottati minn dak il-pajjiż ma jkunux wasslu ***biex*** l-istokk ikun fi stat mhux sostenibbli sempliċiment minħabba miżuri adottati minn oħrajn***; jew***
	(d) jonqos sistematikament milli

jikkonforma ma' ftehimiet bilaterali jew multilaterali, billi jonqos milli jieħu azzjoni effettiva jew f'waqtha kontra ċ-ċittadini tiegħu jew il-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, li kienu meqjusa li wettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat jew aġixxew kontra l-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd stabbiliti b'tali ftehimiet."

Or. en

(32012R1026)

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur biddel l-istruttura tal-Artikolu 3 biex jistabbilixxi kriterji ugwali li jiżguraw li kull azzjoni elenkata tiġi interpretata bħala ġustifikazzjoni valida biex pajjiż jiġi ddeterminat bħala wieħed li jippermetti prattiki tas-sajd mhux sostenibbli. Barra minn hekk, żdied kriterju ġdid biex jindirizza speċifikament in-nuqqas ta' azzjoni kontra bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2a. Meta l-istokk ta' interess komuni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' RFMO, qabel ma tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tqajjem il-kwistjoni ta' pajjiż terz li jippermetti nuqqas ta' konformità fi ħdan il-korp rilevanti, biex tfittex rettifika f'waqtha tan-nuqqas ta' konformità. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità u nuqqas ta' rettifika sistematiċi, il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni fuq il-bażi tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 4."

Or. en

(32012R1026)

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-pajjiż ikkonċernat ***opportunità raġonevoli*** li jwieġeb għan-notifika bil-miktub u li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti.	3. Qabel tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tipprovdi ***l-opportunità*** lill-pajjiż ikkonċernat li jwieġeb għan-notifika bil-miktub u li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jiddaħħlu*** l-paragrafi ***(4), (5) u (6)*** li ġejjin:	(c) ***jiżdiedu*** l-paragrafi li ġejjin:

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż ikkonċernat ***biżżejjed żmien*** biex iwieġeb għan-notifika u ***żmien raġonevoli*** biex jirrimedja s-sitwazzjoni.	4. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż ikkonċernat ***massimu ta' 90 jum*** biex iwieġeb għan-notifika u ***massimu ta' 90 jum ulterjuri mid-data ta' dik it-tweġiba*** biex jirrimedja s-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Wara l-adozzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tkompli tinteraġixxi ***mal-pajjiż*** ikkonċernat***, bil-ħsieb li dak il-pajjiż*** ma jkomplix jippermetti sajd mhux sostenibbli.	5. Wara l-adozzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tkompli tinteraġixxi ***bilateralment, multilateralment, jew mal-korp tal-konformità tal-RFMO rilevanti, bl-għan li l-pajjiż*** ikkonċernat ma jkomplix jippermetti sajd mhux sostenibbli.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1026/2012
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3a) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jieqfu ***milli*** japplikaw meta l-pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli jadotta miżuri korrettivi neċessarji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk ta' interess komuni u dawk il-miżuri korrettivi:	"1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jieqfu japplikaw meta l-pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli jadotta miżuri korrettivi neċessarji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk ta' interess komuni u dawk il-miżuri korrettivi:
(a) ikunu jew ġew adottati b'mod awtonomu, jew ikun intlaħaq ftehim dwarhom fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet mal-Unjoni u, meta jkun applikabbli, ma' pajjiżi oħrajn ikkonċernati; u	(a) ikunu jew ġew adottati b'mod awtonomu, jew ikun intlaħaq ftehim dwarhom fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet mal-Unjoni u, meta jkun applikabbli, ma' pajjiżi oħrajn ikkonċernati ***jew fil-qafas tal-RFMOs***; u
(b) ma jfixklux l-effett tal-miżuri meħuda mill-Unjoni b'mod awtonomu jew b'kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn, għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati ta' ħut.	(b) ma jfixklux l-effett tal-miżuri meħuda mill-Unjoni b'mod awtonomu jew b'kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn ***jew fil-qafas tal-RFMOs***, għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati

ta’ ħut.”

Or. en

(32012R1026)

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-regolament huwa għodda vitali fil-qafas ta' governanza internazzjonali tas-sajd tal-UE, imfassal biex isaħħaħ il-mekkaniżmi tiegħu li jiżguraw ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Dan iservi bħala pedament li jrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali fis-sostenibbiltà, jindirizza n-nuqqas ta' konformità u jissalvagwardja l-interessi fit-tul tas-sajjieda tal-UE.

L-għan tar-rapporteur, fost l-oħrajn, huwa li jsaħħaħ il-**potenzjal** ta' dan l-istrument. Ir-rapporteur ifittex li jiżgura li l-UE tkun mgħammra b'qafas robust u komprensiv biex tiffaċċja l-isfidi attwali u futuri ppreżentati mis-sħab bilaterali u multilaterali **kollha**, filwaqt li tuża wkoll bl-aħjar mod ir-rwol tal-korpi ta' konformità fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs). Għalhekk, dan ir-rapport għandu l-għan li jsaħħaħ l-istrateġija ta' governanza internazzjonali tas-sajd tal-UE u jiżgura l-objettivi fit-tul tagħha għal ġestjoni sostenibbli u ekwa tas-sajd.

Ir-rapporteur ifaħħar il-bidliet proposti mill-Kummissjoni għall-Artikolu 3 dwar l-identifikazzjoni ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli, kif ukoll għall-Artikolu 6 li jistabbilixxi azzjonijiet li jridu jittieħdu qabel l-adozzjoni ta' miżuri u sussegwentement, u ddeċieda li jintroduċi dispożizzjonijiet aktar ċari u aktar komprensivi biex isaħħaħ l-**akkontabbiltà**.

Fost l-oħrajn, ir-rapporteur jenfasizza l-importanza li jiġu opposti **talbiet mhux raġonevoli** minn pajjiżi terzi, liema talbiet jistgħu jipperikolaw l-interessi strateġiċi tal-UE u tas-sajjieda tagħha. Dispożizzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni ta' talbiet u skadenzi mhux ġustifikati jissalvagwardjaw l-ekwità tan-negozjati u jipproteġu l-interessi tas-sajjieda tal-UE. Barra minn hekk, l-emendi tar-rapporteur jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità mis-sħab tagħna, u b'hekk jiddefendu l-isforzi internazzjonali ta' sostenibbiltà biex jipproteġu l-oċeani tagħna, filwaqt li jipproteġu wkoll l-interessi tas-sajjieda tal-UE. Kollettivament, dawn il-bidliet jistabbilixxu qafas ta' negozjar aktar komprensiv u strateġiku mas-sħab tagħna.

Ir-rapporteur iqis li huwa kruċjali li jissaħħaħ ir-rwol tal-korpi ta' konformità fi ħdan l-**RFMOs** u jqis li l-Kummissjoni ma tużax din l-għodda ta' governanza internazzjonali tas-sajd biżżejjed. Qabel ma tieħu azzjoni ulterjuri, l-UE tista' ttejjeb l-użu bl-aħjar mod tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, billi żżomm akkontabbli, fi ħdan dawn il-korpi multilaterali, lill-pajjiżi terzi li jippermettu sajd mhux sostenibbli. L-emendi proposti għandhom l-għan li jintegraw b'mod aktar effettiv l-RFMOs bħala għodda ta' konformità fi ħdan l-istrateġija ta' governanza internazzjonali tas-sajd tal-UE, filwaqt li jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom biex jiġġieldu l-prattiki tas-sajd mhux sostenibbli. Ir-rapporteur jenfasizza l-importanza ta' dawn il-bidliet leġiżlattivi biex jixprunaw azzjoni tanġibbli mill-Kummissjoni sabiex ittejjeb l-effettività tal-RFMOs, ittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali u tiżgura l-ġustizzja soċjali għas-sajjieda tal-UE.

L-introduzzjoni ta' **definizzjoni ċara tal-"aqwa parir xjentifiku disponibbli"** tindirizza lakuna kritika fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Din l-emenda tiżgura konsistenza u ċarezza akbar fid-dispożizzjonijiet kollha, filwaqt li tipprevjeni l-ambigwità fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Billi tibbaża d-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd fuq prinċipji xjentifiċi sodi, l-UE ssaħħaħ kemm ir-rigorożità legali kif ukoll dik xjentifika tal-azzjonijiet ta' konservazzjoni. Dan, min-naħa l-oħra, itejjeb l-effettività fit-tul tal-isforzi ta' sostenibbiltà tal-UE.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur jemmen li l-emendi proposti għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan ir-regolament strument aktar b'saħħtu, aktar komprensiv u li jibqa' validu għall-futur għall-UE. Dan ikompli javvanza l-isforzi tagħna lejn approċċ proattiv, reżiljenti u ekwu għall-ġestjoni tas-sajd, filwaqt li jikkonsolida l-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja globali fil-governanza internazzjonali tas-sajd sostenibbli.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.